MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 592/1997/1

Joseph Cassar
vs
Malta International Airport u b' digriet tal-20 ta' Mejju 1999 gie korrett ghal Malta International Airport p.l.c.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa sofra ingustizzja bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 peress li l-atti ingusti sehhew principalment f'Dicembru 1991, izda wkoll fix-xhur u s-snin sussegwenti.

Illi fil-qosor il-fatti tal-kaz kienu s-segwenti:
Illi bejn Marzu 1971 u Jannar 1984 huwa kien impjegat fil-Habs Civili ta' Malta fejn fl-1979 huwa kien ha l-promozzjoni ghal Principal Warden (Maggur), li hu wiehed mill-oghla gradi fil-Habs. F'din il-kariga huwa kien responsabbli fost ohrajn mill-Perimeter Walls u mis-Sezzjoni tal-Klieb.

Illi huwa dahal jahdem mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili fit-18 ta' Jannar 1984, fejn baqa' jahdem bhala Duty Management Officer sa l-ahhar ta' l-1991 meta l-Malta International Airport (MIA) hadet f'idejha t-tmexxija ta' l-ajruport.

Illi sal-1991 huwa kien diga` ilu zmien twil jokkupa dan il-grad ta' "Officer" u ghalhekk huwa kien fost l-aktar senior f'dak il-grad.

Illi ghalhekk, meta saret l-istrutturizzazzjoni ta' l-MIA, huwa kien applika ghall-karigi fi grad ta' "Executive" cioe` Air Terminal Executive, Passenger Care Executive u Security Executive.

Illi interviews ma kienux saru, u l-hatriet fl-MIA saru b' Direct Appointments: fil-fatt ir-rikorrent kien tpogga fil-grad ta' Safety and Security Officer li kienet kariga li huwa qatt ma kien applika ghaliha, filwaqt li impjegat iehor li kien ilu jahdem fl-ajruport inqas zmien minnu, kien inghata promozzjoni ghal Executive.

Illi fost dawk li kienu hadu l-promozzjoni kien hemm uhud li kienu instabu hatja ta' kondotta mhux xierqa fuq il-post tax-xoghol, u wiehed minnhom anke kien instab hati mill-PSC.

Illi sa mill-1971, cioe` meta r-rikorrent kien dahal mal-Gvern permezz ta' ezami pubbliku, huwa qatt ma kellu ebda kaz ta' dixxiplina, ir-record tas-sick leave kien prattikament null u xogholu fl-ajruport kien spiss jitfahhar minn nies distinti kemm Maltin kif ukoll persuni prominenti barranin.

Illi aktar tard kien gie impjegat mill-MIA is-Sur Mario Cuomo, u kien inghata l-grad ta' Manager in Charge of Security, li mill-pozizzjoni tieghu beda jittratta lir-rikorrent bl-aktar mod umiljanti, degradanti u dispreggativ bhal ma jindika l-Memorandum anness mar-rikors (Dok A).

Illi r-rikorrent kien jaf li huwa kien qed jigi persegwitat minhabba l-kariga li kellu f'partit politiku u anke fil-General Workers' Union.

Illi wara kwistjoni li kienet tinvolvi l-Union, huwa kien gie sospiz gimgha u wara kontra kull prassi tal-MIA, kien gie trasferit ghall-Customer Care Section taht is-supervizjoni ta' wiehed mill-Juniors tieghu.

Illi wara xi granet huwa kien rega' gie trasferit ghall-kariga ta' Terminal Duty Officer.

Illi barra minn hekk, fil-perijodu li jaqa' bejn l-1994 u l-1995 huwa beda ma jinghatax over-time.

Illi wara dan kollu, ir-rikorrent kien beda jaqa' f'depression u kellu jibda jiehu kura medika, specjalment ghall-pressjoni gholja.
Illi flok sab ghajnuna, huwa kien gie trasferit ghall-Operations Department (li wara bdiet tissejjah Ground Operations) go kamra mwarrba li kienet giet certifikata mis-Senior Airport Medical Officer Dr Portelli Demajo bhala mhux adatta biex isservi ta' ufficcju ghaliex kienet ta' riskju kbir ghas-sahha ta' l-impjegati.

Illi huwa kien tal-fehma li huwa sofra dawn l-ingustizzji kollha minhabba t-twemmin politiku tieghu, u l-involviment tieghu ma' union legittima.

Illi biex isostni l-ilment tieghu, huwa kien bi hsiebu jressaq lix-xhieda murija fl-elenku, kif ukoll xhieda ohra producibbli fi stadju ulterjuri.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata r-rimedju li jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu billi jinghata l-promozzjonijiet misthoqqa lilu, possibilment b'mod retroattiv, jew jekk dan ir-rimedju mhux possibbli li jinghata, jigi ordnat li r-rikorrent jithallas kumpens ta' Lm5000 jew somma verjuri.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' Malta International Airport p.l.c. li eccepiet:

Illi preliminarjament, "Malta International Airport" mhix u ma tistax tkun legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dak li r-rikorrent sejjah "Passenger Care Service" u "Security Executive" ma kienux jezistu izda, fl-ewwel kaz kien jezisti l-grad ta' "Customer Care Executive" u li llum jissejjah "Customer Services Executive" filwaqt li fit-tieni kaz kien jezisti l-grad ta' "Safety & Security Executive" u li llum jissejjah "Security Executive".

Illi l-kumpanija cahdet dak li allega r-rikorrent u cioe` li ma sarux "interviews" minn fost l-impjegati ta' l-ex Air Terminal Department biex dawn jigu assorbiti fl-istruttura l-gdida ta' Malta International Airport Limited (illum Malta International Airport p.l.c.) fl-1 ta' Jannar 1992 u li l-hatriet saru ***"b'direct appointment".***

Illi, hija l-prattika fil-pajjiz, sahansitra accettata mill-Unions ewlenin fi ftehim kollettiv li huma jiffirmaw, li meta kumpanija tkun se taghti xi promozzjoni jew timla xi vakanza ghandha tikkunsidra l-htigijiet ta' l-impieg u taghti l-kunsiderazzjoni mehtiega lill-fatturi bhal ma huma abbilta`, efficjenza, addattar, kwalifiki akkademici u mgieba generali fil-Kumpanija. L-anzjanita` (seniority) tigi kunsidrata biss f'kaz li jkun hemm aktar minn impjegat wiehed b'dawn il-fatturi kollha ndaqs. Din hija l-prattika anke mal-Kumpanjija intimata kif, del resto, hu provdut anke fil-Ftehim Kollettiv mal-Unions.

Illi l-karigi li applika ghalihom ir-rikorrent kellhom rekwiziti specjali li r-rikorrent ma kellux, fost hwejjeg ohra, li l-applikant "must have experience in a similar position", "ideally have a working knowledge of a third language", "possess a standard of education not below GCE "A"

Level or equivalent” u kwalifiki ohra li jirrizultaw waqt is-smiegh ta’ dan il-kaz.

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent li ***“fost dawk li hadu l-promozzjoni kien hemm uhud li kien nstabu hatja ta’ kondotta mhux xierqa fuq il-post tax-xoghol, u wiehed minnhom anke nstab hati mill-PSC”*** hi vaga u mhix mifhuma mill-Kumpanija intimata.  Jekk u meta r-rikorrent jghogbu jispecifika, il-Kumpanija intimata mbaghad tkun tista’ twiegeb.

Illi, mhux korrett li jinghad li s-Sur Mario Cuomo gie impjegat mill-Kumpanija aktar tard u cioe` wara l-1 ta’ Jannar 1992 bhala ***“Manager in charge of Security”.*** Is-sur Mario Cuomo kien impjegat mal-Kumpanija f’Gunju 1991 fil-pozizzjoni, dak iz-zmien, ta’ Administration Manager u, fost dmirijiet ohra, kellu wkoll il-Personnel u s-Security.

Illi r-rikorrent allega li s-Sur Mario Cuomo ***“beda jittratta lir-rikorrent bl-aktar mod umiljanti, degradanti u dispregattiv”*** u biex jipprova dan, esebixxa bhala Dokument “A” Memorandum intern ta’ l-10 ta’ Lulju 1992 minghand is-Sur Mario Cuomo indirizzat, mhux lir-rikorrent izda lill-Executives is-Sinjuri Vincent Farrugia, Joseph Schiavone u A Ciarlo (illum mejjet) u kkupjat lill-Manager is-Sur Norman Cassar.  Filwaqt li l-Kumpanija ma setghetx tifhem kif Memorandum intern spicca f’idejn ir-rikorrent, f’dan il-Memorandum ma hemm l-ebda trattament, degradanti u dispregattiv lejn ir-rikorrent minn naha tas-Sur Mario Cuomo jew minn naha ta’ xi ufficjal gholi iehor tal-Kumpanija.  Dan il-Memorandum kien jistabbilixxi liema livell ta’ servizz xieraq kellu jinghata lill-personalitjiet distinti bhal ma huma Prim Ministru u Kapi ta’ Stat.

Illi fir-rikors tieghu r-rikorrent qal li “***jaf li huwa kien qed jigi persegwitat minhabba l-kariga li kellu f’partit politiku u anke fil-General Workers’ Union”.*** Il-Kumpanija intimata cahdet bl-aktar mod kategoriku li ttiehdu dawn il-konsiderazzjonijiet minnha fil-konfront ta’ xi impjegati taghha fosthom ir-rikorrent.

Illi, l-Kumpanija ma taf bl-ebda kaz meta r-rikorrent kien gie sospiz ghal gimgha wara kwistjoni li kienet tinvolvi lill-Union. Fil-fatt skond ir-records tal-Kumpanija r-rikorrent qatt ma kien gie sospiz mill-impieg tieghu minn kemm ilha topera l-Kumpanija mill-1 ta’ Jannar 1992. Madankollu, il-Kumpanija taf b’incident li sehh f’Novembru 1994 li kien involut fih ir-rikorrent u li dwaru kienet giet involuta l-Union tieghu (GWU). Il-Kumpanija regghet insistiet li l-anqas dwar dan il-kaz - ghalkemm wiehed serju hafna - ir-rikorrent ma kienx gie sospiz mill-impieg. Madankollu, il-Kumpanija intimata xtaqet li zzomm mal-ftehim milhuq mal-General Workers’ Union fi zmien l-incident cioe` li qatt ma ghandha ssir riferenza ghal dan il-kaz (tant li l-anqas biss hemm riferenza ghalih fil-‘file’ personali tar-rikorrent); ovvjament sakemm ma tigix mitluba taghmel mod iehor mit-Tribunal jew biex tissostanzja c-cahda taghha ghall-allegazzjoni infondata ta’ sospensjoni mill-impieg tar-rikorrent u/jew biex tipprova li altru li r-rikorrent ma kienx jigi persegwitat minhabba l-kariga li kellu f’xi partit politiku jew f’xi Union.

Illi, filwaqt li l-Kumpanija cahdet li r-rikorrent qatt gie trasferit ghal xi sezzjoni fil-Kumpanija taht is-supervizjoni ta’ wiehed mill-“Juniors” tieghu, riedet ticcara li l-Customer Care Section u l-Air Terminal Section kienu u ghandhom jaqghu taht Dipartiment wiehed li dak iz-zmien kien jissejjah “Marketing & Operations Department” u li llum jissejjah “Operations Department” immexxi mill-istess Manager.

Illi dawk il-gradi li r-rikorrent sejhilhom “Terminal Duty Officer” u “Safety and Security Officer” qatt ma ezistew mal-Kumpanija izda kien u ghadu jezisti l-grad ta’ “Officer”.

Illi fil-perjodu bejn l-1994 u l-1995 ir-rikorrent kien ircieva mill-Kumpanija t-tielet l-ghola ammont dovut ghal sahra fost it-tmien Officers tad-Dipartiment tieghu. Inghad, madankollu, li s-sahra tinghata skond il-htigijiet tal-Kumpanija u mhix awtomatika. Bis-sistema ta’ shift li ghandha l-Kumpanija huwa ferm difficli li xi persuna

wahda minn xi grad partikolari tigi eskluza u ma tissejjahx ghal sahra.

Illi biex jaghti lil wiehed x'jifhem li kien jinghata hafna "transfers" mill-kumpanija, fir-rikors tieghu r-rikorrent semma li (a) "***gie trasferit ghall-Customer Care Section"*** (b) "***wara xi granet rega' gie trasferit ghall-kariga ta' Terminal Duty Officer"*** u (c) "***gie trasferit ghall-Operations Department (li wara bdiet tissejjah Ground Operations)".*** Il-Kumpanija regghet fakkret li dawn it-tlett allegati ***'transfers'*** kien ix-xoghol li taghmel l-istess persuna (Officer) fuq bazi ta' roster ma' Officers ohra fl-istess Dipartiment u skond il-"Job Specification" ta' min ikun jokkupa l-grad ta' Officer fl-Operations Department.

Illi "Il-kamra mwarrba" li saret referenza ghaliha mir-rikorrent fir-rikors tieghu, kienet (ghax issa giet imcaqalqa ghal post iehor) fl-Arrivals minn fejn jghaddu l-passigieri kollha li jaslu Malta, xi zewg metri l-boghod mill-ufficcju tat-tabib ta' l-ajruport u tal-"Clinic" ta' l-imigrazzjoni. Dan l-ufficcju kien gie allokat dan il-post biex l-impjegati fil-grad ta' Officer fl-Operations Department li kien imisshom jaghmlu x-xoghol ta' Ground Operations kienu jkunu vicin ta' l-apron (fit-tarf tal-kuridur) li kien taht il-gurisdizzjoni taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri, gie sottomess li t-talba rikorrenti hija infondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tas-socjeta` intimata.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li kien dahal jahdem mas-Servizz Civili fit-8 ta' Marzu 1971 bhala Gwardjan fil-Habs Civili. F'April l-1979 lahaq 'Maggur' li kien wiehed mill-oghla gradi fil-Habs u kien inkarigat mis-sigurta` kollha tal-Habs fosthom il-'Perimeter Walls' kif ukoll is-sezzjoni tal-klieb. Semma li kien applika ghall-post ta' 'Duty Management Officer' mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili u kien gie mahtur fit-18 ta' Jannar 1984. Qal li minn meta kien gie impjegat mal-Gvern qatt ma kellu kaz ta' dixxiplina kontra tieghu u sick-leave ftit li xejn kien jiehu.

Qal li minn meta beda jahdem mad-D.C.A. fl-1984 huwa dejjem qeda dmiru bl-aktar responsabbilta` u lealta` u qatt ma kellu rapporti kontra tieghu, izda kellu biss rakkomandazzjonijiet u tifhir minn personalitajiet distinti sew Maltin kif ukoll barranin.

F' Dicembru l-1991 l-'Air Terminal Department', qaleb ghal ma' l-'Malta International Airport' u hu kien applika ghall-gradi ta' 'Air Terminal Executive', 'Customer Care Executive' u 'Safety and Security Executive', bil-preferenza ghall-ahhar wiehed. Qal li f'dawn il-gradi kollha kellu esperjenza taghhom meta kienu taht ir-responsabbilta` tieghu. Kuntrarju ghal dak li allegat l-M.I.A. fir-risposta taghha hu qal li wara li ghalqu l-applikazzjonijiet ma kienux saru interviews ghal dawn il-postijiet, izda l-hatriet saru b' mod diskriminatorju b' Direct Appointment.

Semma li hu ma kienx gie maghzul u kien gie maqbuz mis-Sur Joe Schiavone li mal-Gvern ir-rikorrent kellu seniority aktar minnu peress li Schiavone kien dahal fl-1 ta' Lulju 1976, waqt li r-rikorrent f' Marzu 1971 u l-appointment ta' Schiavone mas-Civil Aviation kien sar fil-5 ta' Gunju, 1985. Qal li kien inqabez ukoll mis-Sur Vincent Farrugia li dahal mal-Gvern fit-3 ta' Dicembru 1974. Qal li fost dawk li hadu l-grad ta' Executive b'direct appointment kien hemm is-Sinjuri David Cassar, Vincent Farrugia u Anton Ciarlo`, li dawn kienu gew investigati mill-'Airport Manager' is-Sur Paul Mifsud rigward gbir u ghibien ta'

flus.  Qal ukoll li s-Sur Anton Ciarlo` kien tressaq quddiem il-PSC u kien instab hati izda xorta kien inghata l-grad ta' 'Air Terminal Executive'.  Semma li kienu tawh il-grad ta' 'Security Officer' li qatt ma kien applika ghaliha, u kien taht Vincent Farrugia, li ha l-grad ta' 'Safety and Security Executive' ghalkemm dan fis-security ma kellux esperjenza bhal ma kellu r-rikorrent.

Qabel mar-raba' paragrafu tar-risposta ta' l-M.I.A. fejn issemma li biex tinghata promotion jigu kunsidrati fatturi bhal abbilita`, efficjenza, addattar, kwalifiki akkademici u mgieba generali, u a bazi ta' dawn hu sostna li xorta kellu jintghazel qabel in-nies li semmew.  Semma li l-MIA qalet li hi kienet marbuta bil-Ftehim Kollettiv, izda sa ma nghataw l-appointments, l-anqas kien ghad hemm Ftehim Kollettiv.  L-ewwel wiehed kien gie iffirmat fl-4 ta' Dicembru 1992, b'effett mill-1 ta' Jannar 1992 sal-31 ta' Dicembru 1994.

Hu hass li l-ingustizzja li kienet saret mieghu kienet dovuta ghal-fatt li kien delegat tal-Malta Labour Party u membru tal-kumitat tal-G.W.U. u dan qalu minhabba li l-promotions li nghataw kienu nghataw biss lil dawk li ma kienux fil-G.W.U.  Wara beda jigi trattat hazin mis-Sur Mario Cuomo, Manager in Charge of Security, u dan kien ghadda direttiva lill-Executives biex hu ma jersaqx lejn il-V.I.P. Lounge.  Qal li fit-tmien snin jaghmel xoghol konness mal-V.I.P. Lounge kien gie mfahhar ghal xogholu minn hafna persunaggi distinti u qatt ma gie nfurmat b'xi ksur ta' xi regolament dwar il-V.I.P. Lounge.

Semma li f'Ottubru 1994 il-GWU ordnat Strike Generali u hu u s-Sur Anthony Salerno li kien ukoll fil-grad ta' Officer, kienu fost dawk li strajkjaw.  L-Executive taghhom is-Sur Vince Farrugia kien iddikjara li huma kienu tilfu l-karriera taghhom ma' l-M.I.A.  Qal li huma t-tnejn kienu l-unici Officers li kienu mad-D.C.A. u wara hmistax-il sena kienu ghadhom fl-istess grad ta' Officer sal-gurnata ta' llum. Kompla jghid li wara l-istrike kien l-uniku Officer li kien gie trasferit f' taqsima differenti.

F’1994 kien applika ghall-post ta’ Duty Executive izda din l-applikazzjoni kienet giet kancellata mic-Chairman u minflokha kienet harget applikazzjoni ghall-post ta’ ‘Senior Officer’ fuq bazi temporanja u hu kien applika ghaliha wkoll. Ghal darba ohra rega’ ma ntghazilx u kien intaghzel certu Joe Camilleri, li kien ex-kandidat tal-Partit Nazzjonalista u membru fil-kumitat tal-U.H.M., u kien misluf minghand il-‘Malta Drydocks’ u kien sar Officer sena biss qabel. Kienu ntaghzlu wkoll is-Sur Raymond Farrugia u Lorry Zammit li t-tnejn li huma gew minn dipartimenti ohra tal-Gvern f’xi l-1990 u dak iz-zmien dawn it-tnejn kienu fi grad inqas minn dak ta’ D.M.O. Kien intghazel ukoll is-Sur George Zammit li ftit xhur qabel kien instab hati fuq kaz ta’ dixxiplina. Dawn l-erba’ persuni kienu nhatru ‘Senior Officers’ fuq bazi temporanja, izda din il-pozizzjoni ddawritilhom ghal wahda permanenti minghajr ma harget applikazzjoni ghall-postijiet permanenti. Qal li l-GWU kienu ipprotestaw bil-qawwi fuq dan.

Dwar il-call for applications ghall-grad ta’ Executives qal li hu kellu r-rekwiziti ekwivalenti ghal dawk li kienu qed jitolbu l-MIA. Qal li hu ma kellux A levels pero` qal li hu l-ekwivalenza tieghu ghal A levels kien il-grad tieghu li kien ‘il fuq iktar bhala livell minn dak ta’ l-A levels. Qal li dawk li kienu hadu l-grad kienu fl-istess livell tieghu u minghajr A levels u semma lil Vince Farrugia fost ohrajn li ma kellux A levels. Semma wkoll li ghandu working knowledge sia ta’ Taljan , ta’ l-Ingliz kif ukoll tal-Malti.

Xehed Frederick Attard u semma li hu u r-rikorrent bejn l-1987 u l-1995 kienu Duty Management Officers izda r-rikorrent kien grad fuqu ghax kien senior tieghu. Qal li f’dak il-perjodu kien ukoll shop steward tad-Duty Management Officer jirrapprezenta lid-Duty Management Officers fil-GWU u kien ukoll membru fil-Kumitat Ezekuttiv tat-Taqsima Port u Trasport tal-GWU. Kien ukoll Chairman tal-Group Commitee li kien ha sehem fit-tfassil tal-memorandum of understanding li kien sar bejn il-GWU, il-UHM, l-MIA u l-Management & Personnel Office fl-OPM fis-27 ta’ Novembru 1991. Kien ha sehem ukoll fi tfassil

ta' l-ewwel collective agreement li kien sar bejn l-MIA, il-GWU u l-UHM mill-1 ta' Jannar 1992 sa Dicembru 1994.

Semma li l-appointment tad-Duty Management Officer kien johrog mis-Civil Aviation. Qal li hu kien inhatar Duty Management Officer wara internal call for applications li kien applika ghaliha, ghamel interview u mbaghad intaghzel fl-1986. Qal li r-rikorrent kien sar Duty Management Officer qablu u b' hekk kien senior tieghu u kien hu li inizjalah billi tah it-training specifiku fuq l-ajruport meta kien sar Duty Management Officer.

Semma wkoll li fl-1990 kien dahal influss qawwi ta' nies fosthom Joe Camilleri li kien electrician mal-Malta Drydocks, u hafna minn dawn kienu gew minn Goverment Organasation u kienu gew mdahhla maghhom bhala Duty Management Officers u b' hekk in-numru ta' Duty Management Officers kien tela' ghal madwar 20.

Qal li la lil David Cassar, la lil Oswald Tanti u l-anqas lil dawk in-nies li kienu dahlu fl-influss ta' l-1990 ma kienu hargulhom l-appointment ta' Duty Management Officers. Semma li Joe Camilleri kien maghruf bhala ex-kandidat fil-Partit Nazzjonalista fuq id-distrett ta' B'Bugia u kien ghamel zmien jirraprezenta l-haddiema tal-UHM fl-MIA. Semma li l-persuni li kienu dahlu fl-1991 l-impjieg taghhom fl-Airport ma kienx regolari skond il-collective agreement ta' l-1992 minhabba li dawn ma kienux dahlu permezz ta' internal call for application. Semma li internal call for applications ma setghetx issir ghalihom propju minhabba l-fatt li huma ma kienux impjegati ma l-MIA.

Semma li kienu hargu l-applikazzjonijiet ghall-gradi ta' Executive Officer li kienu Accounts Executives, Assistant Accounts Executives, Personnel Executive, Safety and Security Executive, Air Terminal Executive u Customer Care Executive u hu kien applika ghall-ahhar tlieta minnhom. Semma li ghal certu karigi kien hemm aktar minn vakanza wahda u qal li l-Air Terminal Executive kienu saru 4. Dwar Executives ohra elenkati bhala vakanzi kien sar wiehed. Semma li Vince Farrugia kien sar Safety and Security Executive, Joseph Schiavone kien

sar Customer Care Executive, u bhala Air Terminal Executive kienu Anton Ciarlo`, Oswald Tanti, David Cassar, u Richard Farrugia fejn lil dan ta' l-ahhar kienu tawh it-titlu ta' Environment fejn ma kien hemm ebda referenza ghaliha qabel fis-sejha ghall-applikazzjoni. Semma li dawk l-erba li hadu l-grad ta' Executive kienu nies maghrufin li kienu Nazzjonalisti.

Qal li Richard Farrugia fl-1992 kien kandidat tal-Partit Nazzjonalista fl-elezzjoni generali.  Semma li l-ftehim industrijali kien ikopri mill-1992 sa l-1994 u fl-1991 ma kienx hemm Collective Agreement.  Mill-lista tan-nies kollha li hadu l-promozzjoni kien hemm xi tnejn biss li kienu membri tal-GWU.  Semma li s-Sur Joe Schiavone kien membru tal-UHM u rrizenja fl-1991 kif lahaq il-grad ta' Executive.

Gie prezentat affidavit ta' Odelon Mangion fejn issemma li f' Jannar 1991 id-Dipartiment tal-Air Terminal beda jitmexxa mill-Air Terminal Board of Management bis-Sur George Papagiorcopoulo jinhatar bhala Deputy Chairman/Chief Executive u f' Mejju tal-istess sena tal-Malta International Airport Company Limited.  Imexxu d-dipartiment flimkien mieghu inhatru persuni fi grad ta' Managers wara applikazzjonijiet li bhala kwalifiki dawn riedu kwalifiki universitarji.  Wara l-hatriet ta' Managers hargu sejhiet ghall-mili tal-grad ta' Executives.  Il-grad ta' Executive mal-Malta International Airport Company Limited kien relatat ma' dak ta' Duty Management Officer tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili.  Dwar il-hatriet ta' Air Terminal Executive u Customer Care Executive zied li s-Sur Cuomo lilu kien qallu li kien hemm diffikulta` fl-ghazla Vincent Farrugia u Joseph Cassar bhala Safety and Security Executive u li l-ghazla fl-ahhar waqghet fuq Farrugia minhabba li kellu aktar personalita`.

Xehed Alfred Mangion rapprezentant tal-MIA u dwar il-Memorandum of Understanding semma li kien hemm wiehed u ma kien ikopri l-ebda zmien partikolari.  Qal li dan kien witta t-triq biex sar collective agreement u eventwalment dan il-Collective Agreement kien gie ffirmat f' Dicembru 1992.  Dwar David Cassar, Richard Farrugia,

Oswald Tanti, Anton Ciarlo`, Vince Farrugia, u Joseph Schiavone, qal li dawn fost l-impjegati kollha tal-Air Terminal Department kienu applikaw skond is-sejha ghall-applikazzjoni esebita a fol 52 tal-process datata 27 ta' Novembru 1995.

Semma li bejn l-1991 u l-1992 huwa ma kienx impjegat tal-kumpanija u ghalhekk hu xehed mill-files tal-kumpanija. Qal li fis-27 ta' Novembru 1991, kienet harget internal call for applications. Semma li David Cassar kien applika ghal Executive Terminal u ghal Customer Care Executive, Oswald Tanti kien applika ghal Customer Care Executive, Air Terminal Executive, Personnel Executive, Safety and Security Executive, u Accounts Executive, Aldo Ciarlo` kien applika ghal Customer Care Executive u Air Terminal Executive, Vincent Farrugia kien applika ghal Safety and Security Executive, Customer Care Executive u Air Terminal Executive, Joe Schiavone kien applika ghal Customer Care Executive u Air Terminal Executive u Richard Farrugia kien applika ghal Safety and Security Executive, Customer Care Executive u Air Terminal Executive. Dwar il-promotion exercises ta' l-1991 u 1992 qal li l-persuna responsabbli kien is-Sur Mario Cuomo.

Xehed Mario Cuomo Division Manager Security and Administration ma' l-MIA u semma li hu beda ma' l-MIA f'Gunju 1991 bhala Division Manager Security u Administration izda bhala grad kien ta' Manager b' sejha fil-gazzetti lokali. Precedentement kien jahdem mal-MIMCOL u ma kienx fis-Civil Aviation Department. Qal li bhala Manager responsabbli mill-amministrazzjoni kien responsabbli mis-sejhiet li kienu johorgu interni. Semma li meta dahal kien hemm bord li kien appuntat biex jaghmel l-interview f'bord kollu tal-MIA biex jappuntaw the top manegarial staff. Dwar is-sejhiet ghall-applikazzjonijiet li kienu hargu ghal Executive qal li hu kellu sehem f'dawn is-sejhiet u hu kien ipprepara dawn is-sejhiet.

Qal li hu kien hass il-prijorita` li jigi appuntat xi hadd li jiehu hsieb l-environment. Zied jghid li din is-sejha ghall-Executive Environment ma kenitx giet imnizzla ghax ma kienx hemm htiega u l-Gvern kien wera x-xewqa li

jappunta lil xi hadd biex ikun in charge mill-environment mhux biss ma' l-MIA izda wkoll ta' l-Airfield kollu. Dwar Commercial Executives qal li ma kienx hemm sejha u wara li kienu saru dawk il-vacancies kien sar feedback u hu kien hass il-htiega li jigu appuntati zewg Commercial Executives izda ma ftakarx jekk kienux hargu sejhiet ghall-applikazzjonijiet. Semma li hu kien involut fl-ghazla ta' dawk il-persuni jew li saritlu referenza ghalihom u jinhatru executives.

Dwar l-executives li kienu gew imlahhqa qal li seta' kien hemm xi hadd li kien gie mahtur u ma kellux rekwiziti mehtiega izda kellha xi haga ohra in kwistjoni bhal kellu esperjenzi ghal zmien fis-settur ta' l-accounts u kien qed jistudja biex jigi certifikat f'dan ir-rigward.

Semma li interview b'mod ufficjali ma kienx sar izda minn Gunju sa Dicembru kienu ghamlu sitt xhur janalizzaw u jassessjaw ix-xoghol biex jaraw jekk persuna hix idoneja ghall-post u tigi mahtura. Semma li l-ghazla ta' l-Executives kienet finali mill-Managing Director George Papagiorcopoulo. Huma min-naha taghhom kienu jaghmlu r-rakkomandazzjoni rigward il-persuna li ovvjament hasbu li kienet idoneja.
Qal li ma jafx jekk Richard Farrugia u Joe Camilleri kienux kandidati ma' xi partit. Semma li s-Sur Richard Farrugia kien gie mahtur b'direct appointment bhala Environment Executive. Cahad katekorigament li hu ghamel xi tip ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent minhabba l-politika. Zied jghid li fil-karriera tieghu mal-MIA hu ta diversi promozzjonijiet lin-nies li kienu attivisti fil-Partit Laburista. Semma lil Vince Farrugia li kien wiehed minn dawk is-sitta u li ha l-promozzjoni. Qal li Farrugia stess kien qallu li hu kien ta' kulur politiku Laburista.

Semma li wahda mir-rekwiziti ghall-post tal-Executives kienet li l-kandidat ried ikollu ekwivalenti ghal GCE A level fir-rigward tal-livell standard edukattiv izda qadu attenti wkoll ghal-livell akkademiku ta' l-applikanti. Semma li l-kapacita` tal-kandidat li jikkomunika kemm verbalment kif ukoll bil-miktub kienet relevanza ghall-ghazla.

Xehed Tony Zarb li b'referenza ghall-promozzjonijiet li saru wara l-1991 qal li hu dak iz-zmien fil-union kien Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport u kien qed isegwi dawk il-proceduri ghax kien qed jirraprezenta l-haddiema ta' MIA. Sostna li l-procedura kif kellhom jinghataw il-promozzjonijiet ma kenitx normali mhux bhal ma kien qal Mario Cuomo fix-xhieda tieghu li l-mod esuberanti li kienu uzaw kien appruvat mill-unions. Semma li l-procedura li l-Union kienet taqbel maghha kienet li jekk ikun hemm ghoxrin ruh applikant, il-kumpanija kellha tintervistahom kollha.

Xehed l-Onorevoli Joe Debono Grech li semma li s-Sur Alfred Mangion li kien Segretarju tal-UHM u li kullhadd jaf li hu nazzjonalist, kien dahal minghajr interview u tqieghed Manager tal-Personnel ghalkemm hu qal li ma kienx minnu.

Irrizultalu li kienu gew impjegati nies mal-MIA minghajr kwalifiki jew permezz ta' l-ETC u li jekk kellhom kulur politiku blu kienu gew appointed mal-MIA u jekk kienu ta' kulur politiku l-iehor kienu gew rifjutati. Semma li fl-1996 kien lahaq Ministru u meta investiga sab li kien kienu qed jigu appuntati u promossi impjegati skond il-kulur politiku taghhom.

Gie prezentat affidavit ta' Richard Farrugia fejn fih intqal li ngabu jahdmu gewwa l-Air Terminal diversi impjegati tal-Gvern minn diversi dipartimenti u dawn kienu gew minn Ministeri, Dipartimenti, kif ukoll minn mal-Malta Drydocks, Malta Shipbuilding u Kalaxlokk biex jaghmlu xoghol fil-gradi ta' Management Duty Officers, Security Friskers, u Porters. Ghalkemm id-Dipartiment ta' Avjazzjoni kien 'closed department type' u mhux suggett ghall-trasferiment ghal/minn Dipartimenti ohra tal-Gvern, dawn setghu jahdmu f'dak ix-xoghol minhabba li kien ezista precedent fejn zewg DMO's, Oswald Tanti u David Cassar kienu baqghu kunsidrati bhala impjegati tac-'Civil Service' fejn dawn qatt ma kienu appuntati fil-grad ta' Duty Managment.

Semma li fl-1 ta’ Jannar 1992 l-Air Terminal Department kien gie xolt u t-tmexxija waqghet f’idejn il-‘Malta International Airport Co Ltd’. Qal ukoll li minn Marzu 1991 l-Air Terminal kien jitmexxa konguntament mid-Dipartiment ta’ l-Air Terminal u l-Board of Management mahtur mill-Gvern bi preparazzjoni ghat-twaqqif tal-kumpanija M.I.A. Fis-27 ta’ Novembru 1991 kienu hargu sejhiet interni sabiex dawk in-nies ta’ l-Air Terminal Department li xtaqu jibqaw jahdmu fit-Terminal mal-kumpanija M.I.A. jkunu reklutati.

Semma li kien gie moghti l-grad ta’ Air Terminal Executive responsabbli mill-Environment u qal li dak l-appointment ma kienx kompatibbli mas-sejha jew deskrizzjoni ta’ Air Terminal Executive ghax ma kienx kif deskritt.

Semma li lir-rikorrent ilu jafu mill-1987 meta hadem mieghu bhala Duty Management Officer meta kien Assistant Air Terminal Manager sew fid-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili u kemm meta kien ‘hived off’ u nholoq l-‘Air Terminal Department’. Qal li r-rikorrent huwa bniedem dixxiplinat, edukat u fuq kollox genwin u dejjem kien ikun jaf fejn hu mieghu ghax dak li kien ikollu x’jghid kien jghidu. Semma li kienu ta’ opinjoni politika differenti izda fih kien jaf habib u qal li kuntrarjament ghal xi Duty Officers ohra hu qatt ma ha passi dixxiplinari kontrih ghax dejjem kien jaghmel xogholu b’aqwa abilita` li seta’ offra. Qal ukoll li r-rikorrent kien rakkomandabbli ghal kull xoghol ta’ responsabbilita` li jsehh gewwa l-Ajruport minhabba l-esperjenza matura tieghu u ghal mod kif izomm il-kuntatti. Semma li r-rikorrent kien jisthoqqlu trattament ahjar minn dak li kien gie sottomess ghalih sew minnu kif ukoll minn haddiehor.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq in-nuqqas ta’ promozzjoni tar-rikorrent ghall-gradi ta’ Air Terminal Executive jew Customer Care Executive jew Safety and Security Executive bi preferenza ghal dan tal-ahhar. Irrizulta li r-rikorrent kien bniedem b’ karriera twila u rispettata fuq xoghol ta’ security u infatti dehru diversi nies li fahhru x-xoghol tar-rikorrent. Ma gie esebit ebda

rapport negattiv fil-konfront tieghu. Ukoll irrizulta li f' dik is-sena saru sitt executives u cioe` Oswald Tanti li kien beda jahdem mal-Gvern 15/12/53 u David Cassar 18/8/64 u ghalhekk ferm qabel l-ohrajn. Irrizulta li Ciarlo` dahal f' Awissu 1971, Schiavone f' Lulju 1976, Vincent Farrugia f' Dicembru 1974. Minn dan kollu jidher car li hlief ghal Tanti u David Cassar, ir-rikorrent kien l-aktar anzjan bhala first appointment, ghalkemm sussegwentement Vincent Farrugia ha hatra f' Gunju 1981 waqt li r-rikorrent f' Jannar 1984. Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal "Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Ma nghatatx raguni valida ghala r-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni ghal Safety and Security Executive meta kien propju f' dik il-linja u hawnhekk it-Tribunal isib li saret ingustizzja mar-rikorrent u jichad l-eccezzjonijiet tal-kumpanija intimata, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat dwar il-promozzjoni ta' Safety and Security Executive, jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Safety and Security Executive b'effett mill-1991 meta nghataw il-kariga l-Executives l-ohra u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-kumpanija intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------